MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1498/1999/1

**Carmelo Borg**

**vs**

**Jane Borg**

**Il-Qorti,**

## I.    PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti huma mizzewgin lil xulxin u id-dar konjgali taghhom hija stabbilita fil-fond ‘Villa Rystesinke', Triq il-Bahar l-Iswed, San Gwann.

Illi, minhabba disgwid matrimonjali, ghaddejin bejn il-partijiet proceduri ta' separazzjoni;
Illi, bhala rizultat tad-disgwid matrimonjali, l-attur mar joghqod gewwa l-*basement* tad-dar konjugali, liema *basement* ghandha access separata minn dik tad-dar,

filwaqt illi l-konvenuta baqghet tghix fid-dar matrimonjali;

Illi, il-partijiet gja iltaqghu diversi drabi sabiex jiddiskutu s-separazjoni bonarja u dehru quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April 1999;

Illi wara d-data tas-seduta fuq imsemmija, il-konvenuta qabdet u biddlet is-serratura tal-bieb ta' barra tad-dar konjugali b'mod illi l-attur ma thalliex aktar jidhol fid-dar konjugali tieghu, fejn huwa ghandu l-affarjiet personali tieghu;

Illi, minkejja diversi tentattivi sabiex jidhol id-dar, il-konvenuta ma hijiex qieghda thallieh jidhol fid-dar;

Illi ghalhekk, irrizulta illi l-konvenuta, vjolentement u klandestinament, biddlet is-serratura tal-bieb ta' barra tad-dar konjugali, cioe' "Villa Rystesinke", Triq il-Bahar l-Iswed, San Gwann.

Illi, ukoll, l-agir tal-konvenuta fuq imsemmi jikkonsisti fi spoll vjolenti u, klandestin fil-konfront tal-attur illi huwa intitolat illi jigi ri-integrat fl-istat ta' fatt anticidenti l-ispoll imwettqa mill-konvenuta;

Illi l-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara illi l-konvenuta, b'ghemilha fuq imsemmija, ikkommettiet spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur *ai termini* tal-Artikoli 534 *et seq* tal-Kodici Civili (Kap 16).

2. Tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex, fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilha prefiss minn dina l-Qorti, hija tispurga lis-spoll hekk minnha kommess u tirreintegra lill-istess attur fil-pussess tad-dar konjugali cioe' "Villa Rystesinke", Triq il-Bahar l-Iswed, San Gwann u dan, okkorrendo, billi tigi ordnata tikkonsenja l-pussess tal-istess fond lill-attur.

BI-ispejjez kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol.12 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li bi ftehim bonarju bejn il-partijiet l-attur irrinunzja ghall-pussess tal-fond u ghalhekk ma jezistux l-elementi essenzjali tal-kawza ta' spoll;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti kellha tibdel is-serratura tal-fond taghha minhabba l-karattru vjolenti u psikologikament instabbli ta' l-attur li, minkejja kull twissija, huwa ta' theddid kontinwu ghall-eccipjenti u ghal uliedha;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol.13 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' Jannar 2000; tal-1 ta' Marzu 2000 u tat-2 ta' Mejju 2000;

Rat in-nota ta' Carmelo Borg li biha esebixxa kopja tal-affidavit tieghu;

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta' Gunju 2000 u tat-10 ta' Lulju 2000 fejn xehed Dr.Stephen Thake. Dr.Thake ddikjara li l-attur m'ghandux provi aktar.

Rat in-nota tal-konvenuta li permezz taghha ezebiet l-affidavit taghha;

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 ta' Novembru 2000; tat-22 ta' Frar 2001 fejn xehdu Dr.Schembri Orland, Stefan Borg, u Ryan Borg. Dr. Mifsud Bonnici ddikjara li m'ghandux provi izjed u tat-2 ta' Mejju 2001 fejn xehdu in kontro-ezami Ryan Borg u Dr.Lorraine Schembri Orland;

Rat in-nota tal-attur;

Rat il-verbali tas-seduti tat-12 ta' Gunju 2001 fejn xehdu in kontro-ezami Stephan Borg u Jane Borg. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar; tat-23 ta' Ottubru 2001 fejn id-difensuri talbu li jipprezentaw noti. Il-Qorti laqghet it-talba u tat terminu ta' 50 jum lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollu 50 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Marzu 2002.

Rat in-nota tal-Osservazzjonijiet tal-attur;

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' Marzu 2002; u tas-27 ta' Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghat-12 ta' Dicembru 2002 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PRINCIPJI LEGALI

Illi l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, bbazati fuq l-**artikolu 534 tal-kap 16** u l-**Artikolu 791 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, u huma bbazati fuq it-tliet rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras**

**Camilleri noe**” (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta’ April 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta’ l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b’titolu ta’ proprjeta` jew servitu`, izda anke **purament materjali jew di fatto**, izda mhux ta’ mera tolleranza (“**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine”** – App. 26 ta’ Jannar 1996).

(b) *“L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest”* (“**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna**” – P.A.H.H. 21 ta’ Frar 1983), pero` *“pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta’ spoll”* (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b’ dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (“**Camilleri vs Giglio**” – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza “**Marthese Borg vs Gorg Borg**” (P.A. – 25.2.1993) inghad li:

“*L-univocita` ta’ tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*”

Dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet “**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**” (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta’ April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:-

“*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b’ mod konklussiv li kellu ‘un possesso di fatto’ u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta’ fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta’ din l-azzjoni.*” (“**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius”** – P.A. 5 ta’ Ottubru 1992).

(c) Illi a bazi tal-**Artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. (FGC) – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x'ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti w inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" ("**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone**" – Appell 9.3.1992). Tal-istess portata hija s-sentenza "**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**Artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta` tal-pussessur b' mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att ("**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon'** – P.A. A.M. 24.1.1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. JSP 30.4.1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji ("**Margherita Fenech vs Paolo**

**Zammit**" – P.A. 12.4.1958, Vol XLLI. Pg. 973; "**Carmelo Sacco vs Paul Sacco**" – Appell 23.1.1998).

(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza "**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**" ( P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994).

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir *"fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv"*, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza "**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**" (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li *meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-**Artikolu 562 tal-Kap 12**, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Illi minbarra dan dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"N.M.J.Agius vs A. Said"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999.Citaz. Numru 2426/97/RCP); **"Joseph Mary Debono vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri nomine"** (P.A. 26 ta' April 1999 Citaz. Nru. 1704/98/RCP); **"Dr. Rene` Frendo Randon vs David Sciberras"** (P.A. 20 ta' Mejju 1999. Citaz. Nru. 2459/98/RCP); **"C. Fino & Sons Limited vs Market Consult Limited"** (P.A. 1 ta' Lulju 1999, Citaz. Nru. 1596/98/RCP); **"Maria Concetta Lando vs Eugenio Galea"** (P.A. 15 ta' Gunju 1999, Citaz. Numru 610/99/RCP); **"Christine Ward vs Neville Ward"** (P.A. 13 ta' Lulju 1999, Citaz. Numru 2082/98/RCP); **"Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar"** (P.A. 30 ta' Novembru 1999, Citaz. Numru 2328/98/RCP); **"Alan Mckay vs Jacqueline Mckay"** (P.A. 27 ta' Jannar 2000,

Citaz. Numru 1660/98/RCP); **"Salvu Gauci vs Gaspare Psaila"** (P.A. 11 ta' April 2000, Citaz. Numru. 1887/97/RCP); **"Abela vs Abela"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 1949/99/RCP); **"John Saliba vs Joanne Refalo"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 467/98/RCP); **"Anthony Micallef vs Doris Micallef"** (P.A. 2 ta' Mejju 2000, Citaz. Numru 1167/99/RCP); **"Carmelo Fenech vs Joseph Vella"** (P.A. RCP. 3 ta' Ottubru 2000); **"Carmelo Mifsud vs Giuseppi Schembri"** (P.A. RCP 25 ta' Ottubru 2000); **"Clive Simpson vs Louis Muscat et"** (P.A. 13 ta' Frar 2001, Citaz. Numru 2451/98/RCP); **"Neville Xuereb vs Raymond Aquilina"** (P.A. RCP 14 ta' Marzu 2001); **"Marcus Xuereb vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2142/99/RCP); **"NMR Properties Limited vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2141/99/RCP); **"Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma"** (P.A. RCP 26 ta' April 2001); **"Mark Napier vs Andre` Bianchi"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 692/99/RCP); **"Michael Fenech vs Licari Estates Limited et"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 2139/99/RCP) u "**Paul Carbonaro vs Norman Dimech**" (P.A. 12 ta' Lulju 2001 – Citaz. Numru 632/98/RCP).

**(B) PROVI PRODOTTI**

Illi l-partijiet fil-kawza huma mizzewgin li minhabba disgwid matrimonjali ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni. Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-attur mar joqghod gewwa l-*basement* tad-dar konjugali, liema *basement* ghandha access separata minn dik tad-dar, filwaqt illi l-konvenuta baqghet tghix fid-dar matrimonjali. Il-partijiet dehru diversi drabi sabiex jiddiskutu s-separazzjoni bonarja quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Illi l-attur isostni li wara seduta minnhom tas-27 ta' April 1999 il-konvenuta qabdet u biddlet is-serratura tal-bieb ta' barra tad-dar konjugali b'mod illi hu ma thalliex aktar jidhol fid-dar konjugali fejn huwa ghandu l-affarijiet personali tieghu. Il-konvenuta ma hijiex qeghda thallieh jidhol fid-dar. Illi l-konvenuta min-naha taghha eccepiet illi kien hemm ftehim bonarju bejn il-

partijiet u l-attur irrinunzja ghall-pussess tal-fond. Inoltre' hija eccepiet ukoll illi hi kellha tibdel is-serratura tal-fond taghha minhabba l-karattru vjolenti u psikologikament instabbli ta' l-attur li, minkejja kull twissija, huwa ta' theddid kontinwu ghaliha u ghal uliedha.

Illi **Carmelo Borg**, l-attur, fl-affidavit tieghu xehed li fis-27 ta' April 1999 inhareg digriet fil-kawza fl-ismijiet "Jane Borg pro et noe vs Carmelo Borg". F'din l-imsemmija seduta Dr.Schembri Orland in rapprezentanza tal-konvenuta ma nsistitx fuq it-talba ghall-izgumbrament tieghu mid-dar konjugali. L-ghada li hareg dak id-digriet jew il-gurnata ta' wara, l-attur allega li l-konvenuta qabdet hwejjgu kollha u xi ikel li kellu gol-fridge u wadbithomlu fil-kamra ta' fuq il-*basement* fejn kien iqatta' hafna zmien fiha. Huwa qal li kellu access ghad-dar minn zewg nahat cioe' mill-bieb principali tad-dar konjugali u minn bieb iehor li tidhol ghalih mill-*basement* u li jaghti ghad-dar konjugali. Fl-istess gurnata l-konvenuta ghalqet dawn iz-zewg bibien billi biddlet is-serratura tal-bieb principali u ghalqet ukoll il-bieb l-iehor billi sakkritu u halliet ic-cavetta fis-serratura.

Illi huwa spjega li l-glied bejniethom beda ghall-habta tan-1998. Kull meta kien ikollhom xi argument kien jinzel fil-*basement* biex jevita aktar inkwiet u xi zmien wara beda wkoll jorqod fil-kamra ta' fuq il-*basement* izda matul il-gurnata kien ighix gewwa d-dar konjugali. Dan ghaliex fil-*basement* u fil-kamra ta' fuq il-*basement* m'hemmx kumdita' u kellu jixtri xi affarijiet bhal saqqu, fridge u cooker u kellu jsewwi banju li kien fil-*basement*. Illi mid-data ta' l-allegat spoll huwa dahal id-dar konjugali darba biss meta l-konvenuta fethitlu l-bieb principali tad-dar matrimonjali sabiex ikun jista' jara lit-tifla z-zghira.

Illi **Dr. Stephen Thake** xehed dwar x'gara fl-udjenza tas-Sekond'Awla fid-data msemmija fejn kien hemm talba ghal zgumbrament tal-attur. Dak iz-zmien l-attur kien ighix l-aktar fil-*basement* u minhabba li dan kien maghruf minn kulhadd it-talba ghall-izgumbrament giet irtirata. In kontro-ezami qal li mhux minnu li l-attur kien accetta li jghix fil-*basement*. Dak iz-zmien l-attur kien qed ighix fil-*basement*

biex jevita xi incidenti u jitla' fuq jara lil bintu pero' ma mpenjax ruhu li johrog minn hemm u oppona ghat-talba li jigi zgumbrat.

Illi fl-affidavit taghha, **Jane Borg**, xehdet illi hi ilha separata minn mar-ragel taghha xi sentejn u erbgha xhur mill-affidavit. Imbaghad kien hemm digriet tas-Sekond'Awla fejn hi ssostni li hija u zewgha ftehmu illi jaqsmu d-dar matrimonjali fi tnejn sakemm jinsab il-bejgh taghha. Huma kienu ftehmu li l-attur jiehu l-parti t'isfel tad-dar flimkien ma' kamra tas-sodda fis-sular ta' fuq li pero' tista' titla' ghaliha mill-parti t'isfel filwaqt illi hija u t-tfal joqghodu fil-parti ta' fuq tad-dar. Ghall-parti fejn joqghod ir-ragel hemm bieb separat minn fejn jidhol filwaqt li hemm bieb iehor biex hi u t-tfal ikunu jistghu jidhlu fil-parti tad-dar fejn joqoghdu huma.

Illi hi xehdet li sa mill-bidu li sar il-ftehim zewgha kien mill-ewwel sakkar kullimkien f'dak li jikkoncerna l-parti tad-dar fejn joqghod hu u anki kmamar fid-dar li ma kienux ftehmu fuqhom. Hija qalet illi m'ghandhiex cwievet tal-bieb tal-parti fejn joqghod ir-ragel. Illi hi kompliet li ghall-ewwel li sar il-ftehim tal-qsim tad-dar hija ma hassitx il-bzonn li tbiddel is-serratura tal-bieb tal-parti tad-dar fejn toqghod hi izda minn dak iz-zmien graw hafna affarijiet li minhabba fihom kellha bilfors tbiddel is-serratura. Hija kompliet billi telenka diversi incidenti li allegatament graw fejn fost affarijiet ohra kienet issib ir-ragel ghall-gharrieda fuq; spiss kienet issib il-gass tal-*cooker* miftuh meta tidhol lura d-dar; hafna drabi kien jitla' fil-parti tad-dar taghha specjalment meta ma jkunx hemm it-tfal u jaqbad isawwatha. Illi meta tela' darba partikolari fid-dar biex jara lit-tifla din kienet skuza ghax beda jiehu r-ritratti u beda jallega li kien hemm xi affarijiet nieqsa u beda jghajjat maghha. Dak il-hin nizel it-tifel u qabez fin-nofs u r-ragel qabad qisu travett u beda jhedded li jsawwat lit-tifel bih izda hi gibdet il-bieb minn fejn kien dahal u sakkritu.

Illi hija kompliet li r-ragel jinsab *"boarded out"* minhabba illi huwa psikologikament instabbli u qieghed taht kura ta' psikjatra. Illi fl-ahharnett qalet li mhiex lesta li taghti c-cavetta tal-bieb tad-dar lir-ragel taghha u dan minhabba illi

jekk taghtijielu tkun qeghda deliberatament tpoggi lilha u lit-tfal taghha f’periklu kbir.

Illi in kontro-ezami qalet li zewgha dahal l-ahhar darba fid-dar taghhom daqs sena u nofs ilu (ix-xhieda nghatat fit-12 ta’ Gunju 2001). Is-serratura tal-bieb ta’ barra nbidlet ghax kienet inkissret ic-cavetta kif ukoll biex izzomm lir-ragel milli jidhol ghax kien jheddidhom. Sakemm biddlu c-cavetta hu qatt ma kellu cavetta tal-bieb ta’ barra ghax hu dejjem kien juza’ l-*basement*. Biex jitla’ mill-*basement* ghad-dar hemm bieb tan-nofs izda dan hu kien l-ewwel li sakkru u b’hekk sakkret in-naha taghha wkoll. Dan kien wara s-Sekond’Awla.

Illi **Dr Lorraine Schembri Orland** xehdet li kien hemm problemi bejn il-partijiet u Mrs. Borg kienet imbezza’ hafna mill-attur kemm ghaliha u kemm ghat-tfal. Kien hemm arrangament li l-partijiet differenti kienu se jokkupaw partijiet divizi tad-dar. Hi dehrilha li hu kellu jokkupa l-*basement* u Mrs. Borg il-parti l-ohra tad-dar bit-tfal. Meta giet mistoqsija dwar id-diskussjonijiet li wasslu biex tirtira r-raba’ talba kienux jinkludu access reciproku ghall-partijiet rispettivi jew il-fatt li kienu divizi tifhimx li parti ma taccedix fil-parti tal-ohra, hija rrispondiet li dak li setghet tghid kien li kellhom jokkupaw partijiet differenti mid-dar. In vista t’hekk irtirat ir-raba’ talba li kienet ghall-allontanament mid-dar.

Illi in kontro-ezami xehdet li rigward il-verbal a fol. 23 fejn ighid li *“l-partijiet waslu ghal ftehim bonarju, li bih l-intimat qed jokkupa partijiet indivizi mid-dar…”* hi fehmet partijiet indivizi mid-dar. Fuq domanda jekk tiftakarx li sa dakinhar l-attur kellux access ghad-dar hija qalet li kellu ghax it-tnejn kienu qed ighixu fid-dar. Hija fehmet li kellhom jokkupaw partijiet divizi esklussivament. Illi l-ahhar verbal tad-digriet kien verbal taghha fejn qed tirreferi ghal ftehim u ma kienx konguntiv.

Illi **Stefan Borg**, iben il-kontendenti, xehed li hu jghix fil-parti ta’ fuq m’ommu. Missieru joqghod fil-parti t’isfel. Illi f’April 1999 u hafna qabel missieru kien joqghod fil-parti t’isfel u huma fil-parti ta’ fuq. Hu ma kienx jidhol

ghandhom u ommu ghalkemm kienet tidhol fil-parti tal-*garage* imma mhux fil-parti tieghu. Huma ma kellhomx cavetta u l-missier ma kellux cavetta ghall-parti ta' fuq. Illi qal li kien hemm incidenti fejn missierhom dahal bil-lejl fuqhom. L-attur dejjem kien jidhol mill-parti t'isfel peress li kien jinfed minn isfel ghal fuq.

Illi in kontro-ezami qal li missieru jghix isfel u ma jistax jitla' fuq u dan ghax irid hu. Imbaghad qal li dak li qed izommu milli jidhol fil-parti li tokkupa l-omm huwa l-bieb tan-nofs u l-bieb ta' barra. Illi l-attur, skond ix-xhud, qatt ma kellu cavetta tal-bieb ta' barra ghax kien ighaddi minn isfel. Il-bieb tan-nofs li qieghed god-dar ilu msakkar u dan sakkru missieru.

Illi fuq mistoqsija tal-Qorti hu qal li s-serratura tal-bieb ta' barra bidilha huwa ghax inkisret ic-cavetta. Huwa ma tax kopja tac-cavetta lil missieru ghax skond hu l-attur qatt ma kellu c-cavetta tal-bieb. Illi missieru ilu bejn 3 u 4 snin ighix fil-*basement* u ilu ma jidhol mill-bieb ta' barra xi sena u nofs/sentejn. Illi fuq mistoqsija tal-qorti qal li kienet ommu li qaltlu biex ibiddel is-serratura ghax ma kienx se jaqbad u jbiddel.

Illi **Ryan Borg**, iben il-partijiet, qal illi hu jghix fil-parti ta' fuq m'ommu. Missieru ilu jghix isfel bejn 6 u 7 snin. Fil-garaxx gieli dahal imma mhux fejn joqghod missieru. Huwa xehed li missieru gieli dahal fil-parti li joqghodu huma u dan mhux ghax kien stiednu xi hadd. Kien jidhol bil-mohbi. Kien jidhol mill-bieb ta' barra ghax kienet tiftahlu ommhom u dejjem bl-ghajjat u storbju. Il-*basement* jinfed mad-dar ghax tista' tghaddi tiehu d-dawra tas-*swimming pool* hemm tarag tigi fil-veranda u hemm bieb fit-tarf imma maghluq. Huma ma jistghux jidhlu isfel u hu ma jistax jidhol fuq. L-attur ma setax jidhol mill-bibien ghax ma kellux cavetta.

Illi in kontro-ezami qal li fl-ewwel sular hemm kamra u missieru ghamel habta jorqod hemm. Ilu hafna jorqod hemm minhabba l-glied ma' martu, u skond ix-xhud ghadu jorqod hemm. Din il-kamra tista' tidhol mill-*basement*. Jaf li kien jorqod f'dik il-kamra ghax fis-Sajf kien jisma' l-fan

jaghti u mill-inhir. Meta mistoqsi jekk qattx rah diehel f'din il-kamra mid-dar hu qal le – rah diehel mill-*basement*. Din il-kamra hi msakkra – hu ma jistax idawwar ic-cavetta tieghu ghax hemm cavetta fil-*lock* u b'hekk min-naha l-ohra ma jistax idahhal ic-cavetta. Din ic-cavetta ilha sena u nofs (mit- 2 ta' Mejju 2001). Ammetta li huma sakkruh. Qal li qatt ma ra lil missieru jidhol mill-bieb ta' barra. Ic-cavetta tal-bieb principali nbidlet ukoll – dan meta kienu ga bdew b'hafna glied. Biddluha hu u huh u kienet decizjoni tal-familja (ovvjament barra missieru). Kopja lil missieru ma tahx u minn mindu nbidlet ic-cavetta l-attur qatt ma fetah ghalkemm kien hemm zmien meta kienu jifthulu l-bieb huma.

**(C ) APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-PROVI PRODOTTI**

Illi l-uniku indagini permessa fil-kawza odjerna hija biss dwar il-fatt ta' pussess u l-fatt tal-ispoll u xejn izjed, u dan dejjem skond l-artikoli fuq citati, inkluza dik skond is-sentenzi **"Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone"** (A.C. 9/3/92) u **"Mariano Farrugia et vs Peter Paul Cutajar"** (P.A. (FGC) 23/10/98 – LXXXII.III.301).

Illi dwar il-fatt ta' pussess il-konvenuta eccepiet u bbazat il-provi taghha primarjament fuq l-eccezzjoni taghha li l-attur irrinunzja ghall-pussess tal-fond u dan bi ftehim bonarju meta dehru quddiem is-Sekond'Awla fis-27 t'April 1999. Illi kemm hi kif ukoll iz-zewg uliedha Ryan u Stefan Borg xehdu li l-attur ilu zmien twil jorqod fil-*basement* u li jokkupa wkoll kamra fis-sular tan-nofs. Huma xehdu wkoll li hu dejjem dahal mill-*basement* u cavetta tal-bieb ta' barra qatt ma kellu.

Illi pero' din il-Qorti ma taqbilx ma' tali linja ta' difiza. Infatti fil-verbal tas-Sekond'Awla tas-27 t'April 1999 (a fol.23 tal-process) l-attur bla ebda mod ma jirrizulta li hu kien qed jirrinunzja ghall-pussess tal-fond. Dak li johrog car huwa li l-avukat difensur tal-konvenut ta' dak iz-zmien, Dr. Lorraine Schembri Orland, ma nsistietx fuq ir-raba' talba – li kienet titlob l-allontanament tieghu mid-dar – *"in vista tal-fatt li l-partijiet gia waslu f'arrangament bonarju li bih l-intimat qed jokkupa partijiet divizi mid-dar."* Kif ammess

minn Dr. Schembri Orland dan kien verbal taghha stess u mhux wiehed konguntiv ghalkemm lanqas ma gie oppost. Illi dan il-ftehim sar biex ma tkomplix taggrava s-sitwazzjoni bejn il-kontendenti. Illi lanqas mill-provi ma jirrizulta li l-attur kien irrinunzja ghall-pussess tal-fond ghax sa ftit qabel ma gara l-incident mertu tal-vertenza odjerna huwa jidher li kellu access ghall-istess fond u dan kif irrizulta mix-xhieda tat-tfal stess u anki taghha li gieli kienu jsibuh fid-dar ghall-gharrieda. Inoltre’ mix-xhieda ta’ Dr. L. Schembri Orland ukoll irrizulta li sa fejn taf hi sa dakinhar li dehru quddiem is-Sekond’Awla, l-attur kellu access ghad-dar *“ghax it-tnejn kienu qed ighixu fid-dar.”*

Illi in vista ta’ dan il-fatt l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ghandha tigi michuda stante li mhux minnu li l-attur irrinunzja ghall-pussess tal-fond. Huwa qabel li jghix f’parti differenti biex ma jkomplix jizdied l-inkwiet izda ma rrinunzjax b’daqshekk ghall-pussess tal-fond.

Illi rigward jekk l-azzjoni ta’ spoll gietx intavolata fi zmien xahrejn li tghid il-ligi jinghad li m’hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar hekk. Irrizulta in fatti li t-tibdil tas-serratura u l-fatt li tpoggiet cavetta gol-bieb tal-kamra tas-sular tan-nofs graw wara li l-partijiet dehru quddiem is-Sekond’Awla fis-27 t’April 1999. Ic-citazzjoni odjerna giet prezentata fil-25 ta’ Gunju 1999 u kwindi l-istess kawza giet prezentata fit-termini stabbiliti mill-ligi.

Illi rigward l-att spoljattiv innifsu m’hemm l-ebda dubju li s-serratura tal-bieb principali nbidlet; kif ukoll li nghalaq il-bieb l-iehor li jidhol ghalih mill-*basement* u li jaghti ghad-dar konjugali billi ssakkar u thalliet ic-cavetta fis-serratura. Illi l-konvenuta anki fit-tieni eccezzjoni taghha eccepiet li hi kellha tibdel is-serratura minhabba r-ragunijiet hemm imsemmija. Hija ammettiet fl-affidavit taghha li minhabba li graw hafna affarijiet hija kellha bilfors tbiddel din is-serratura (a fol.34 tal-process). Illi dan hu wkoll ikkoroborat mix-xhieda ta’ Ryan Borg in kontro-ezami fejn qal illi kienu huma li sakkru l-bieb u anki li nbidlet is-serratura tal-bieb principali u din kienet decizjoni tal-familja. Illi anki Stefan Borg, it-tifel l-iehor, xehed fl-istess sens. Illi b’hekk m’hemmx dubju li anki jekk is-serratura

tal-bieb principali nbidlet u l-bieb l-iehor issakkar mit-tfal dan sar fuq ordni tal-istess ommhom li hi l-konvenuta fil-kawza odjerna.

Illi l-konvenuta eccepiet ukoll u bbazat hafna mill-provi taghha li hija kellha tibdel is-serratura tal-fond taghha minhabba l-karattru vjolenti u psikologikament instabbli ta' l-attur li, minkejja kull twissija, huwa ta' theddid kontinwu ghaliha u ghal uliedha. Illi kemm hija kif ukoll uliedha xehdu f'dan is-sens. Illi pero' din il-Qorti ma tistax tilqa' din l-eccezzjoni minhabba li fl-azzjoni ta' spoll dak li jinteressa din il-Qorti hu biss l-att spoljattiv *ut sic* u dan in konformita' mal-principju li hadd ma jista' jiehu l-ligi b'idejh, anke min jippretendi li ghandu dritt, ghax il-konvenuta jekk qed issostni li l-attur mhux qed igib ruhu sew hi kellha mezzi legali biex tipprocedi kontrih u mhux taqbad u tbiddel is-serratura tal-bieb jew issakkar il-bieb tal-kamra tan-nofs.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ghandhom jigu michuda.

## **III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

(1) Tiddikjara illi l-konvenuta, b'ghemilha fuq imsemmija, ikkommettiet spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur *ai termini* **tal-artikoli 534 *et seq.* tal-Kodici Civili**;

(2) Tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex, fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, hija tispurga l-ispoll hekk minnha kommess u tirreintegra lill-istess attur fil-pussess tad-dar konjugali cioe' "Villa Rystesinke", Triq il-Bahar L-Iswed, San Gwann u dan, billi hi ordnata tikkonsenja l-pussess tal-istess fond lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Dicembru 2002.**